# MINUTI

**GVERN LOKALI TA' XBIEX**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 – 2017**

**SEDUTA NRU 9**

**IT-TNEJN 9 TA' DIĊEMBRU 2013 FIL-3.00 TA' WARA NOFS-IN-NHAR**

# PREŻENTI

| | |
|---|---|
| MAX ZAMMIT | SINDKU |
| RONALD PORTELLI | VIĊI SINDKU |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |

## 1 SKEDA TA' PAGAMENTI

l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Paul Pace resaq l-iskeda ta' pagamenti

Dawn ġew approvati unanimament.

## 2 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

2.1 Il-Kunsillier Frank Roe resaq ir-rapporti tiegħu.

2.1.1 Biex isir tarmac fejn Testaferata cw Sir Ugo Mifsud u jkun mal-iskeda tal-ħaddiema.

2.1.2 Hu u l-Viċi Sindku Ronnie Portelli marru jiċċekkjaw żewġ kaptelli.

2.1.3 Is-Sinjur Faure tkellem miegħu rigward l-bankina fi Triq Guzeppe Cali u l-problema li għandu biex jidħol ġol-garaxx tiegħu u talab lil-Kusnill li hu lest jiranġa l-bankina, spejjez tiegħu b'talli mod li jkollu aċċess aħjar biex jidħol ġol-garage. Il-Kunsillier Eugenio Muscat staqsa jekk se tkun l-bankina dritta jew le. Hu wieġeb li se jiċċekjaw id-dettalji mat-Transport Malta biex ikun bil-konforma mal-liġi.

2.1.4 Irraporta li ċertu resident li joqgħodu fejn St Paul's Mansions ix-Xatt għamel ilment li m'hemmx tabelli tar-Resident Parking Scheme fejn dik l-area.

2.2 Is-Sindku Max Zammit informa lil Kunsill li se jitkellem mar-Reġjun rigward il-kontravenzjonijiet u l-mod li jinħarġu. Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li huwa ma jaqbilx mas-sistema li persuna jaqla ċitazzjoni għax ikun iħareġ iż-żibel fil-ħin stipulate iżda jkun għaddha l-iscammel.

2.3 Is-Sindku Max Zammit qara l-ittra minghand is-Sur Joe Attard rigward l-proposti ġodda u l-Kunsill iddiskuttew dan. Il-Kunsill ddiskuttew wkoll il-bring in sites u l-possibilita' li jiċċaqalqu minn fejn huma għall-post aħjar. Gie pproponut biex jiġu Sir Ugo Mifsud cw San Gwann tas-Salib. Is-Sindku talab l-opinjoni tagħhom. Frank Roe ma qabilx. Ronnie Portelli qabel. Is-Sindku ssuġġerixxa li jiġu quddiem Villino Ellul għax kien hemm bzonn li jitressqu minn quddiem l-Atlas.

2.4 Is-Sindku Max Zammit tkellem rigward il-laqgħa li kellu ma l-IPSL. Huwa nforma l-Kunsill li l-IPSL lesti jtuna ħaddiema minn tagħhom li dawn jiġu meta jkun hemm bżonn biex isir xogħol ta' kostruzzjoni u manutenzjoni..

Il-Kunsill qabel unanimament ma dan

2.3 Is-Sindku Max Żammit tkellem rigward il-*computer lessons* u rigward il-ħsieb li għandu biex jibdew il-lezzjonijiet tal-*aerobics.* Is-Sindku Max Żammit irrakomanda sabiex il-Kunsill ikollu sala daqxejn akbar milli għandna llum. Għaldaqtant ġie rrakomandat li l-Kunsill se jqabbad perit sabiex jara l-possibilta li tinfetaħ l-ħajt ta' bejn il-*conference room* u l-uffiċċju tas-Sindku biex b'hekk il-*conference room* titkabbar aktar.

Il-Kunsill qablu unanimament rigward din ir-rakkommandazzjoni.

2.4 Is-Sindku Max Żammit tkellem rigward it-talba li kellu mingħand il-Bettson biex ittellgħa attivita x-Xatt ta' Ta' Xbiex. Is-Sindku Max Zammit rnexxielu jġib donazzjoni ta' 5,000 euro mingħand il-kumpanija talli l-Kunsill aċċetta t-talba tagħhom bil-kundizzjoni li dawn għadhom iġibu l-permess meħtieġa kollha mingħand l-entitajiet governattivi.

Qablu unaninament li jingħata l-permess dment li jimxu mar-regolazzjonijiet u kundizzjonijiet tal-Kunsill.

2.5 Il-Vici Sindku Ronnie Portelli tkellem rigward il-*mobile toilets* li hemm ix-Xatt u l-fatt li għadhom ma nfetħux għal pubbliku.

Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li ilna xhur nistennew dawn u l-aħjar ħaġa hi li jsiru tal-ġebel u li għandna nitolbu lil Creek Development biex jgħamluhomna. Is-Sindku Max Żammit qal li ma tistax tistenna li wara dawn is-sinin kollha li għadhom ma sarux isiru mil-lum għal għada. Hu qal li l-*Creek Development* lesti jgħinu lil Kunsill finanzjarjament għal-forma ta' PPP u f'wieħed għandu jikkunsidraha fil-futur. Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li għandna nirsitu fuq il-proċess għal devoluzzjoni u ssir laqgħa magħhom biex inkunu nafu x'ha jiġri fuqhom.

2.6 Il-Kunsillier Eugenio Muscat tkellem rigward l-funtana u l-fatt li peress li qiegħda mqabbda mal-pannelli tal-Block D5 il-kont tad-dawl gie ftit.

Is-Sindku Max Żammit tkellem rigward id-dawl ta' madwar is-soft areas u li mhux mnizzel li d-dawl huwa mqabbad mal-pannelli. B'hekk iridu jkellmu l-Engineer biex jċċaraw xi affarrijiet u biex l-iswiċċ tiġi mqabbda. Is-Sindku Max Żammit ssuġġerixxa li naraw jekk'x hemm skemi simili biex ngħamlu l-istess mal-blokkok l-oħra tal-gvern u napplikaw għalihom.

2.7 Is-Sindku Max Żammit resaq korrispondenza rigward *first aid courses* għar-residenti li huma offruti mid-Dipartiment tas-Saħħa b'xejn. Il-Kunsill qabel unanimanment biex isiru dawn il-korses.

2.8 Is-Sindku Max Żammit resaq *monitoring report* mingħand it-Transport Malta fejn kien hemm lista ta' ilmenti ta' affarrijiet li kellhom bżonn isiru fit-toroq ta' Ta' Xbiex. Il-lista msemmija ġew solvuti.

2.9 Is-Sindku resaq il-korrispondenza tal-każ ta' Alfred Portelli u qal li jrid li l-każ tingħalaq.

## 3 PROĊĊESS TA' ĦATRA TA' SEGRETARJU EŻEKUTTIV

Is-sindku tkellem rigward il-proċċess ta' Ħatra ta' Segretarju Ezekuttiv. Is-Sur Paul Pace spjega li l-proċċess tibda billi titpoġġa l-applikazzjoni tal-Kunsill fuq il-*website* u dawk eliġġibli jiġifireri fil-*pooling* tas-Segretarji Ezekuttivi jistgħu japplikaw.

Sar qbil unanimau li tinħareġ il-ħatra għal Segretarju Ezekuttiv. Għaldaqstant ikollhom tletin ġurnata biex japplikaw.

## 4 PARTY TA' L-ANZJAN

Is-Sindku Max Żammit tkellem rigward l-attivita tal-Party ta' l-Anzjani li bħalma sar fi snin ta' qabel se jsir ukoll din is-sena. L-attivita se jsir fl-14 ta' Diċembru, jibda fil-5.30pm u se jibdew jintbgħatu l-inviti.

Il-Kunsill qabel unanimament biex isir dan.

Il-Laqgħa tal-Kunsill spiċċat fis-6.00pm u l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss se jsir fit-23 ta' Diċembru 2013.

Max Żammit
Sindku

Paul J Pace DIP.B.A(Bus Mangt),M.B.A
Aġent Segretarju Eżekuttiv